Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 383/2014

Il-Pulizija
(Spettur Victor Aquilina)

Vs

Joseph Anthony Cini

Illum 27 ta' Frar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Anthony Cini detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 18570M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Settembru 2007 u fit-tliet xhur ta' qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi

(G.N. 292/1939), jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-

1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Settembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17 (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' hdax-il (11) xahar prigunerija effettiva u multa ta' disa' mitt Euro (€900), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li giet b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatriet tal-esperti nominati fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz, u cioè l-ispejjez relatati mar-relazzjoni ta' PS 198 Arthur Debattista, ammontanti ghas-somma ta' tlettax-il Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm13.50), ekwivalenti ghas-somma ta' wiehed u tletin Euro, hamsa u erbghin centezmu (Eur 31.45) u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert forensiku, ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn u tmenin Euro u

disgha u erbghin centezmu (€280.49), b'kollox ammontanti ghas-somma ta' tlett mija u hdax-il Euro u erbgha u disghin centezmu (€311.94). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz- zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga li tinsab esebita fl-atti tal-process verbal numru 88/08 redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

In oltre il-Qorti rrilevat u attirat l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u illi kemm-il darba dan ikun possibbli, huwa jiskonta l-piena jew parti mill-piena karcerarja moghtija permezz ta' din is-sentenza gewwa programm residenzjali fi hdan wahda mill-Agenziji li joffru servizz ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Il-Qorti ordnat illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha b'mod patikolari ir-rikors tal-appellant prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Frar 2019 fejn ippremetta li l-kaz in desamia kien sehh fis-sena 2007 meta l-esponenti kellu dipendenza qawwija ta' droga tant li anke meta pprenta ir-rikros tieghu kien ghadu qed ifittex l-ghajnuna ta' kif ghandu jidirizza l-problema tieghu ta' abbuz ta' droga u fil-fatt stqarr I kien bi hsiebu jibda programm t riabilitazzjoni il Caritas.

Ir-rikorrenti irrileva li apparti dawn il-proceduri odjerni ma ghandu l-ebda procedure ohra pendenti. Konsegwentement talab lil din il-Qorti sabeix wara li tisma is-sottomissjonijiet maghmula f'isem ir-rikorrenti u tisma kul xhud necessarju inkluz l-esponenti hija ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' riabilitazzjoni ta' Persuni li

Nqabdu bud-Droga u ghalekk talab li jkun hem mil-konversjoni ta' din il-Qorti ghal Qorti taa Droga.

Rat dak li wiegeb l-Avukat Generali ghal tali talba u cioe li rriserva l-posizzjoni tieghu u talab li jippresenta r-risposta tieghu wara li jisma i-xheda relevanti ghal tali talba.

Illi l-ewwel li xehed kien **Dr Joseph Tonna** li kkonferma li l-appellant ilu pazjent tieghu ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena u dan minhabba l-vizju li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga Kokaina u Eroina. Spjega li huwa beda jarah minn Settembru 1997 pero' kien gia registrat bhala pazjent mad-Detox sitt xhur qabel. Qal li l-appellant kien hadha bi kbira hafna meta marad missieru u zijuh u kien ghalhekk ifittex id-droga bhala escapism. Qal ukoll li kien hem perijodu ghalkemm qosra fejn l-appelant wera x-xewqa li jieqaf mnn dan il-vizzju ghalkemm qatt ma irnexxilu. Qal li fil-fatt kellu motivazzjoni tant li anke perijodu clean kien ghamel. Qatt ma ghamel uzu mill-labar meta ha l-Eroina minkejja dan il-vizzju qawwi li ilu fuqu ghoxrin sena.

Qal li l-appellant dejjem ikkopera maghhom u qatt ma tahom trouble. Qal li l-appellant imur id-Detox kuljum jiehu l-methadone li hu gholi 100mg daily. U biex tinzel din id-doza trid iz-zmien peress illi l-appellant ilu b'dan il-vizju. Spjega li fil-Caritas ma tistax tidhol b'doza ta' methadone ta' 100mg kuljum. Din trid tinzel minhabba il-persuni li gia jkunu bdew dan il-kros ta' riabiltiazzjoni.

Qal li jaf li ta' xi samples tal-urine tieghu ricentement u taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga.

Xehet il-**Probation Officer Marylyn Attard** u spjegat li bdiet issegwi lill-appellant wara li kien inghata sentenza ta' prigunerija sospiza fid-9 ta' Jannar 2019. Qal li minn daknhar 'l hawn l-appellant ta' tlett samples ta' awrina u dan fil-25 ta' Frar, 2019, fis-7 ta' Marzu 2019 u fit-22 ta' Marzu 2019 izda dawn kollha taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Qalet li hija konxja tal-fatt li l-appellant qed juri xewtu li ibiddel hajtu u jieqaf jiehu d-drogi pero' ghadu kmieni wisq biex tkun certa dwar din il-

motivazzjoni tieghu. Qalet li l-ewwel trid tinzel id-doza tal-methadone qabel ma tista' tibda tippreparah biex isegwi kors ta' riabiltiajzoni residenzjali.

Xehed **Noel Cassar** rappresentant tal-Caritas u spjega illi l-appellant attenda l-Caritas nhar it-8 ta' Marzu 2019 gie ghal-session. Dakinhar ta' ukoll kampjun tal-awrina pero' rizultat ta' dan it-test ma kellux. Qal li l-pjan tal-appllant fil-present hu wiehed li jattedni ghal-laqghat individwali ta' kull gimgha sabiex jinghata s-support biex izomm il-boghod mit-tehid ta' droga. Ma kellu l-ebda rizultat x'jaghti lil-Qorti. Qal li qabel bejn Jannar 2012 u Ottubru 2012 kien jattendi ghas-servizzi tal-komunita' Caritas izda ftit li xejn gie registrat progress.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost jidher bic-car li l-appellant verament ghandu problema ta' abbuz ta' droga li ilha fuqu ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena zgur u anke qabel ma gew kommessi ir-reati mertu ta' dan l-appell. Jidher tajjeb jew hazin li ricentement l-appellant intebah li jrid jew ahjar jixtieq ibiddel trieqtu u jzomm 'l boghod minn tali dependenza.

Illi b'digriet taghha tal-25 ta' April 2019 din il-Qorti iddijarat li ma kienitx konvinta minn tali rieda tajba u kellha bzonn iz-zmien sabiex tali talba tigi valutata. Ma dehrilhiex li setghet taghmel l-apprezzament dwar il-motivazzjoni tieghu stante li dak iz-zmien tat-talba kien kmieni wisq.

Ghalhekk permezz tad-digriet fuq imsemmi din il-Qorti zammet ir-rikors haj billi tat kull opportunita' lir-rikorrent sabiex jghamel l-almu tieghu biex izomm 'l boghod mid-drogi. Hija ssolecitat lil Probation Officer sabiex b'mod inaspettat tiehu kampjuni tal-awrina tieghu u dan regolari u tidher quddiem din il-Qorti kull xahrejn sabiex tispjega il-progress tieghu. Il-Qorti kienet stqarret li jekk fi zmien tmien xhur jigi registrat progress din il-Qorti imbaghad tasal biex tiddekreta dan ir-rikors fit-terminu tal-Kapitolu 537.

Illi in segwitu ta' dan id-digriet l-Qorti b'digriet tagha tas-17 ta' Ottubru, 2019 ordnat li jinhareg Ordni Provisorja ta' Supervisjoni li ghandu jigi segwit mill-Ufficcjal tal-Probabtion Marilyn Formosa.

L-Ufficcjal tal **Probabtion Marilyn Formosa** xehdet nhar is-17 ta' Gunju 2019[1] u spjegat li mill-ahhar seduta fejn kienet xehdet u cioe nhar it-28 ta' April 2019 r-rikorrenti kien attenda ghal sitt appuntamenti u cioe fit-3 ta' April, 2019, 16 ta' April 2019, 29 ta' April 2019, 9 ta' Mejju 2019, 27 ta' Mejju 2019 u fil- 11 ta' Gunju 2019 u f'dawn l-appuntamenti dejjem itihdu kampjun tal-awrina tieghu u dejjem irrizulta li kienu negattivi ghall- presenza ta' sustanzi illeciti. Spjegat li r-rikorrent kien qed izomm kuntat ma Leon Madden tal-Caritas u ma Dr Tonna tad-Detox. Dakinhar kellu 71 ml methadone u qalet li s-sutanza kienet qed tinzel 1ml kul tlett ijiem u ghalhekk kien ghad ma hemmx data ta' meta ir-rikorenti setgha jibda programm resdienzjali u dan ghaliex huma jaccettaw biss nies fix-shelter meta dawn ikollhom 20 ml u peress li ir-rikorrenti kien ilu zmien twil jiehu l- methadone riedu jaraw il-progress tieghu u li l-livell tal methadone ikun ta' livell accettabli ghalihom .

Illi l-Ufficcjal tal Prbabtion pprezentat nota[2] fl-atti ta' din il-kawza nhar is-6 ta' Settembru 2019 fejn infurmat lil Qorti li r-rikorrenti zamm u attenda ghal kull appuntament moghti lilu fl-ufficcju tal-Parole u Probabtion. F'dan il-perijodu sahansitra anke issottometta ruhu ghal hams testijiet tal- awrina u cioe nhar il-21 ta' Gunju 2019, it-22 ta' Lulju 2019, is-7 ta' Awwissu, 2019, is-27 ta' Awwissu 2019, l-4 ta' Settembru 2019 liema testijiet irrizultaw kollha fin-negattiv ghall-presenza ta' sustanzi illeciti

Spjegat ukoll li l-appellant qed izomm kuntatt ma Robert Zammit fi hdan il- Job Plus fejn anke ghamel xi korsijiet sabiex itejjeb il-hiliet bazici tieghu. Qed izomm kuntatt ukoll ma Leon Madden min naha tal-Caritas u ma Dr Joseph Tonna fi hdan id-Detox. Huwa kellu l-ahhar appuntament mieghu fit-2 ta' Settembru 2019. Minn informazzjoni li gabret minghand Dr Tonna deher li r-rikorrenti ghadu qed inizzel il-methadone b'mod stabbli u sa dak in-nhar huwa kien qed jiehu 45 ml. It- tabib spejgalha ukoll li kien ghad ma kellux data ghal meta ir-rikorrenti setgha jidhol fis-shelter fir-residenza ta' San Blas ghaliex il-methadone trid tkun nizlet 20 ml sabiex

[1] Fol. 182.

[2] Fol. 177

jkun jista' jghamel dan u ma kienx hemm certezza meta kien ser jsir dan. Ghalkemm kien qed jimmira li r-rikorrenti ikunjista' jibda dan il- programm f' Dicembru 2019. Huwa sahaq ukoll li r-rikorrenti kien qed jidher tajjeb jnsab f qada tajba u ghad kellu x-xewqa li jghamel il-programm residenzjali.

Illi nhar it-3 ta' Dicembru 2019 lUfficcjal tal Probabtion regghet xehdet u spjegat li r-rikorenti kien rega attedna ghal hames apputamenti ohra mizmumza fit-2 ta' Ottubru 2019, fit-18 ta' Ottubru 2019l fl-1 ta' Novembru 2019, fid-19 ta' Novembru 2019 u fit-3 ta' Dicembru 2019. Ghal darb ohra kul test li ittihdet ta' risultat negttiv ghal preenza ta' sustanzi illeciti. Tghid li kien ghadu kostanti fl-appuntamenti tieghu kemm ma Dr Tonna gewwa Detox kif ukoll ma MR Madden gewwa il Caritas . Qalet li dakinhar kellu doza ta' 33c li kien stabbli ghal dawk l-ahhar erba' gimghat Spjegat li x-xewqa tar rikorrenti kient tali li jibqa inizzel la mmont tal methadone sabeix fil bidu tas-sena 2020 huw aikun jsita jidhol fis-shelter sabeix wara jibda il-rogramm. San Blas. Qalet li Dr TOnna spjgalha li kien kuntent hafn ali r-rikorrenti nizzel il methadone min n100 cc ghal 33cc.

Regghet xehdet fit-28 ta' Jannar 2020 u spjegat li kein zamm erbgha appuntamenti ohra maghha fx-xhur ta' Dicembru 2019 u Jannar 2020 u ittihdulu testijiet tal awrina I taw rizultat negattiv hal prsenza ta' droga illecita. Dr Tonna infurmaha ukol li t-testijeit li ttihdu gewwa id Detox taw rozutlat negattiv ukoll u ghahekk kien beda jipprepara sabeix ir-rikorrenti jidhol fis-shelter .

Nhar it-18 ta' Frar 2020 l-Ufficcjal tal-Probation regghet xehdet u kkonfermat li ir-rikorrenti dahal fis-shelter fis-6 ta' Frar, 2020 u wara kien ser jibda il-programm ta' riabilitazzjoni . IL-hajja tieghu hija wahda stabbli, kellu imgieba tajba u li kien qed jirregistra progress sostanzjali f'ghemilu.

Illi ghalhekk il-Qorti ghaddiet sabei tiddegreta ir-rikros b'mod finali. Dan hu digriet limitatament dwar it-talba tal-appellant maghmula nhar is-6 ta' Marzu 2018, fejn l-avukat difensur tal-appellant talab li din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi sabiex dan isir din il-Qorti ridet l-ewwel tara li l-akkuzi li bihom gie akkuzat l-imputat jaqghu fil-parametri ta' l-istess Artikolu 8 (2) u cioe' li l-imputat gie akkuzat b':-

3(a) *reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li biha l-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li biha l-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv (li mhux il-kaz);*

*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga* .

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) (a) u (c) illum huma sodisfatti u dan in vista tax-xhieda fuq rapportata, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu w semghet ukoll kull xhud li hija qieset li kien neċessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u konsegwentement ai termini tas-Sub-inciz (c) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 qeda tipprocedi sabiex tirreferi lill-persuna akkużata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur